XGHAJRA

Minuti tal laqgħa Nru.11 tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, it-Tlieta 4 ta'Mejju,2010.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieg |
| | Mario Buhagiar |
| | Claire Depasquale |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati bil-korrezzjoni li l- Budget għas-sena kalendarja 2010 ġie approvat.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

   3.1 Xi kuntratturi li tefgħu l-offerti –tenders għal kostruzzjoni etc.ta' Faċilitajiet Sportivi kienu ġew mitluba permezz ta' ittra, li kienet draft tal-Periti tal-Kunsill u ffirmata mis-egretarju Ezekuttiv, biex jikkjarifikaw bil-miktub xi punti mill-*Bill of Quantities* li kien jagħmel parti mit-tender. Fil-fatt kważi kull kuntrattur li ttenderja rrisponda u li fir-risposta kkonferma dak il-*Bill of Quantities* kif qiegħed fit-*tender documents*. Dawn ir-risposti bill-miktub ġew mgħoddija lill-Med Design, id-ditta tal-periti nkarigati mill-Kunsill, biex jieħdu ħsieb il-proġett ta' kostruzzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi u rikreattivi kif approvat mill-MEPA.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.2 Għadhom għaddejin diskussjonijiet u tentattivi biex il-kumpanija ta' Smart City (a spejjeż tagħhom) jiskavaw il-materjal minn dik il-parti fejn hu ntenzjonat għal-bini ta' Faċilitajiet Sportivi u Rikreattivi. Qiegħda ssir pressjoni mill-Kunsill biex dan ix-xogħol isir.

3.3 A rigward iż-żewġ Bylaws, wara li l-Kunsill gab fil-gazzetti notifika ta' dawn il-Bylaws għall-informazzjoni tal-pubbliku u wkoll għal xi kummenti u jew oġġezzjonijiet, il-Kunsill ma' reċieva xejn. Sussegwentent għandhom dawn iż-żewġ Bylaws jgħaddu d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għall-attenzjoni ta' Dr. Angele Vella biex titkompla l-proċedura għall-eventwali pubblikazzjoni tal-Bylaws A & B biex jiġu fis-seħħ.

3.4 A rigward l-iffirmar tal-kuntratt għall-ġbir ta' skart domestiku fil-lokalita' , kemm bieb bieb kif ukoll bil-metodu *bins-on-wheels,* il-Kunsill qed jistenna li jingħataw fondi speċjali addizzjonali biex ikopru dawn l-ispejjeż ta' dan il-kuntratt. Il-kuntrattur preżenti u prospettiv, John Grixti, aċċetta temporanjament li jkompli jgħati s-servizzi b'żieda ta' spejjez ta'diesel fuq dak il-kuntratt ta' 6 snin ilu. Min informazzjoni li għandu l-Kunsill wara diversi reminders tempestivi li s-servizz kien ser jieqaf, ġejna nfurmati li sal-15ta' dan ix-xahar ikun hemm risposta tal-Bord li qed jaggudika t-talbiet tal-Kunsill għal fondi addizzjonali.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza:- Fost il-korrispondenza dawk li kienu ta'mportanza kienu:

4.1 Ġie deċiż li f'Jum ix-Xgħajra ser jingħataw plakek ta'ringrazzjament u rikonoxximent lill: a) l-ex Headmaster ta' l-iskola Jean Pierre Micallef
b) Is-Sur Joseph Izzo – ex-Kunsillier
c) Is-Sur Angelo Pulis – ex-Kunsillier
d) Is-Sur Josef Buttiġieġ għas-sehem tiegħu fil-Lifecycle
e)Marie Therese Camilleri għall għajnuna kontinwa lill-Kunsill

4.2 Il-Kunsill Lokali tal-Qala, Għawdex, talab biex nappoġjaw l-inizjattiva meħudha mill-Kunsill biex Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, ma ssirx marina, imma jibqa fi stat naturali sabieh kif inhu.Il-Kunsill jappogja.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

4.3 Mal-promenade tal-Lokalita' twaħħlet PA appliklazzjoni biex faċċata tal-promenade u xi 3 mili l-barra jsir *fish farm*. Il-Kunsill jaqbel li ssir oggezzjoni flimkien ma'kunsilli oħra involuti jiġifieri Ħaż-Żabbar, M'Scala, M'Xlokk u B'Bugia.

4.4 Saret rikjesta biex da parti tal-Island Insurance Brokers biex isir tiġdid ta' policy ta' kopertura ta' diversi affarijiet li l-Kunsill jamministra eċċ. Għandha tiġi iċċekkjata l-polza u jekk hemm xi tibdiliet jew żieda għandha ssir u tiġġedded il-polza ta' l-assikurazzjoni permezz tal-Brokers.

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda – Ratifikati u approvati l-infieq għax-xahar t'April 2010.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra :

6.1 Da parti tal-kumitat tal-klabb tal-futbol tax-Xgħajra Tornadoes, xtaqu li l-grawnd ikun estiż minħabba li hemm xi rpoblema tal-qis tal-grawnd. Ġie deċiż li jsir meeting mal-Perit Charles Buhagiar,il-Perit tal-Kunsill flimkien mal-Perit ta'l-MFA -GeorgeMicallef mal-kumitat tal-futbol biex din it-talba jekk possibbli da parti teknika tkun diskussa u deċiża mill-Perit tekniku. Is-Sindku spjega li kull tibdil jrid isir bil-permess tal-MEPA.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Sar abbozz ta' programm għal Jum ix-Xgħajra ta' nhar il-Ħadd 16ta' Mejju, 2010:

a) Il-Ħadd 9 ta'Mejju ser issir ħarġa għall-familja fl-okkazjoni tal-Mother's Day.
b) It-Tnejn 10 ta' Mejju wirijiet mit-tfal ta' l-iskola Primarja tax-Xgħajra u żjara mit-tfal fil-Librerija tal-Kunsill.
ċ) It-Tlieta 11 ta' Mejju inawgurazzjoni tas-Science u Environmental Laboratory fl-iskola tax-Xgħajra.
d) Il-Ħamis 13 ta' Mejju Sports Day għat-tfal ta' l-iskola Primarja tax-Xgħajra.
e) Is-Sibt 15 ta' Mejju Football Tournament fil-Ground tal-Football tax-Xgħajra.
f) Il-Ħadd 16 ta'Mejju ser issir Quddiesa ta' ringrazzjament mill-Kunsill kollu u wara ċerimonja u riċeviment għall-mistednin fis-sala tal-Knisja.

XGĦAJRA

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Attivitajiet

8.1 Din is-sena il-festa tradizzjonali ta'Lapsi se tiġi s-Sibt 15 ta'Mejju u se tkun organizzata mill-Kumitat Festi Esterni tal-Paroċċc ta' Ħaż-Żabbar. Il-Kunsill se jikkoordina l-futbol tournament u t-traffic management u dawn l-attivitajiet se jkunu parti mix-Xgħajra Day ċelebrazzjonijiet.

9. Item Nru.9 fuq l-Aġenda – Aġġornament

Aġġornament għal nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju, 2010

____________________________ ____________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt